

31975R1375

L 139/27

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.5.1975

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1375/75**  
**tad-29 ta' Mejju 1975**  
**dwar id-dispożizzjonijiet ta' għarfien għall-gruppi produtturi tal-ħops fl-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 <sup>(1)</sup> tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-ħops, kif emendata bl-Att <sup>(2)</sup> dwar il-kondizzjonijiet ta' sħubija u l-aġġustamenti għat-Trattati, u b'mod partikolari Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1351/72 <sup>(3)</sup> tat-28 ta' Ġunju 1972 dwar l-għarfien ta' gruppi ta' produtturi tal-ħops, jipprovdi f'Artikolu 2(1) illi għall-għanijiet ta' għarfien ta' grupp ta' produtturi, dan għandu jkun magħmul tal-anqas minn seba' produtturi;

Billi mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ir-regoli tal-Komunità dwar l-argikoltura saru applikabbli għall-Irlanda;

Billi f'dak il-pajjiż hemm reġjun wieħed biss li jipproduċi l-ħops u billi dak ir-reġjun fih anqas minn seba' produtturi;

Billi minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tal-Irlanda jkun diffiċili għall-produtturi Irlandiżi li jingħaqdu ma' gruppi fi Stati Membri

oħra; billi l-produtturi in kwistjoni, erba' fin-numru, mill-bqija jis-sodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa bir-Regolament (KEE) Nru 1351/72 għall-formazzjoni ta' grupp produttur li jkollu l-għarfien;

Billi biex ma tinħoloqx sitwazzjoni li tista tippreġudika lil dawn il-produtturi b'relazzjoni ma' produtturi oħra fil-Komunità huwa meħtieġ li ssir deroga mid-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1351/72 favur l-Irlanda billi jitnaqqas għal tlieta l-anqas numru ta' produtturi meħtieġa għall-formazzjoni ta' grupp;

Billi l-miżura li għaliha jipprovdi dan ir-Regolament hija skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Fl-Irlanda, b'deroga minn Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1351/72, grupp ta' produtturi jista' jkollu l-għarfien jekk ikun magħmul minn tal-anqas tliet produtturi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1975.

*Għall-Kummissjoni*

P. J. LARDINOIS

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.

<sup>(3)</sup> ĠU L 148, tat-30.6.1972, p. 13.